L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 3 ta' Ottubru, 2003

**Li seta' gara**

Ma nhobbx nipotizza u nitkellem fuq x'seta gara, izda xi kultant, tajjeb li niftakru ftit dwar x'gara u x'seta gara. Fit-12 ta' April, 2003, il-maggoranza ta' l-elettorat regghet ghazlet li jkun hemm Gvern Nazzjonalista fil-poter. U wara, bhallikieku dak li kien digà gara ma kienx bizzejjed, nafu x'rega' gara.

Jekk trid toqghod issemmi l-ezempji nistghu nsemmu wiehed wiehed kazijiet bhal kwistjoni tal-*Maltapost*, tal-Maghtab, ta' l-ghajnuna lill-bdiewa Maltin mill-Unjoni, it-turizmu, id-deficit finanzjarju, il-kwistjoni tan-numru ta' sighat mahduma fil-gimgha u recentement l-MUMN, il-UHM, *Medigrain*, *ST Microelectronics*, it-Tarzna, issa, *Joinwell Ltd.* u l-lista twila ta' kumpaniji li jew ghalqu jew taw sensji lill-haddiema li ssegwi kemm issegwi ahbarijiet u taqra kemm taqra gazzetti, tant sar hemm minnhom, li qatt m'huwa facli tiftakarhom kollha b'memorja normali.

Jekk irridu nghidu l-istess kliem f'erba' kelmiet m'ghandniex ghalxiex insemmu l-ebda minn dawn il-kazijiet u nghidu li Gvern Nazzjonalista, bhal dejjem, naqas milli jwettaq dak li wieghed li jaghmel u wera inkompetenza specjalment fil-generazzjoni ta' l-impjiegi godda u t-trazzin tad-dejn nazzjonali.

Ilna digà hames xhur taht legislatura gdida u hsibt ftit jekk l-affarijiet setghux kienu differenti li kieku tela' Gvern Laburista. Ghal kwalunkwe Laburist kien ikun ferm ahjar li kieku tela' Gvern Laburista. Dan ghax huwa ovvju li lkoll xtaqna li tela' Gvern Laburista jekk ivvotajnielu. Izda, ghall-poplu ingenerali, kien ikun ahjar li kieku tela' Gvern Laburista?

Jekk niehdu s-sitwazzjoni prezenti, bil-problemi kollha taghha kif inhi, u flok amministrazzjoni Nazzjonalista npoggu amministrazzjoni Laburista, min jintlaqat minn l-istess problemi kien ikollu iktar tama li l-problemi jkunu rizolti jew ghall-inqas li ma jkomplux jikbru bir-rata li qeghdin jikbru?

Jigifieri, li qed nipprova nahseb fih jien huwa, li xejn ma jinbidel mill-istampa – kollox jibqa' l-istess – hlief il-Gvern.

Huwa fatt, biss biss, li amministrazzjoni gdida Nazzjonalista rabtet il-politika taghha totalment ma' shubija shiha fl-Unjoni u xejn aktar. Allura d-differenza bejn Gvern Nazzjonalista u Gvern Laburista fil-prezent kienet tkun li ghall-inqas Gvern Laburista ma kienx ikun ikkontrollat mil-ligijiet u regolamenti ta' l-Unjoni, u lanqas ma kien ikun marbut bi zminijiet (bhal fil-kaz ta' l-gheluq tal-mizbla tal-Maghtab).

Ma kienx ikun hemm ukoll it-theddida ghall-haddiema li jitkeccew minn fuq il-post tax-xoghol li haddiema barranin ikunu hadulhom il-postijiet li setghu okkupaw huma sakemm lahqu okkupawhom huma.

Li kieku nbidel biss il-gvern jista' jkun li konna nkunu ahjar. Però l-probabbiltà hija li mhux biss il-Gvern kien ikun differenti, izda wkoll hafna mic-cirkostanzi ta' madwaru.

Minbarra hekk filwaqt li llum il-bdiewa ghandhom il-protezzjonijiet fit-trattat ta' shubija bejn Malta u l-Unjoni li qeghdin jigu sfidati minn pajjizi ohra fl-Unjoni, li kieku kellna Gvern Laburista l-bdiewa u

s-sajjieda ma jhallsux taxxa. U kieku din is-sena ghandna tliet xhur inqas xi nhallsu taxxa! Ma kinitx tkun idea hazina!

U la bdejt bil-kieku nkompli bil-kieku. Li kieku stajna jkollna Malta bi Gvern Laburista u ohra bi Gvern Nazzjonalist u l-poplu jaghzel fejn imur skond ma vvota hu, min jaf kemm nies jemigraw minn Malta Nazzjonalista ghal Malta Laburista! Il-bicca taf x'hini, li hawnhekk mhix xi dinja tal-holm. Fil-politika tghix biss ir-realtà u ghalhekk, ghandek tiehu hsieb sewwa li r-realtà tkun wahda felici.

Però! Sabiex inkun ghedt wahda ta' l-ahhar u ma naqtghalkomx qalbkom bi Gvern Nazzjonalista se jkollna possibiltà li kieku ma kienx ikollna taht Gern Laburista. Minn hawn u ftit zmien iehor – ghax fil-fatt iz-zmien itir mar-rih – se jkollna elezzjoni ohra ta' importanza.

Bla ma nidhlu fi kwistjonijiet zejda nemmen li dawk kollha li jhossuhom mgharrqin taht l-ilma taht Gvern Nazzjonalista, jekk jistghu jitilghu ghal nifs imqar wiehed f'wicc l-ilma biex itawlu hajjithom bi ftit sekondi, dan ghandhom jaghmluh u ghandhom jivvotaw halli minn hames Membri Parlamentari Ewropej ikollna maggoranza Laburista. Hekk ghandu jhares lejn dawn l-elezzjonijiet il-Laburist li ma jaqbilx ma shubija shiha fl-Unjoni Ewropea. Wara kollox ikollna garanzija li min se jiggieled ghal pajjizna fl-Unjoni mhux xi hadd li xeba' jghid 'iva, iva, iva' u li negozjaturi fl-Unjoni jaraw bhala xi hadd artab ghax l-Unjoni kienet il-holma ta' hajtu.

Hemm hafna Laburisti li ma jharsux daqhekk negattivament lejn is-sitwazzjoni kif inhi, izda oppozizzjoni estrema kemm hi estrema  lejn shubija shiha, ic-cirkostanzi kif inhuma, wiehed ghandu dejjem jikkunsidra l-fatt li kull cans li hemm li ndahhlu l-Gvern Laburista fil-poter ghandna niehduh.

Wara kollox, li jkollna gvern lokali b'maggoranza sfortunatament Nazzjonalista fil-Parlament Ewropew tkun qieghda tohloq il-bilanc li ghandu jkun f'demokrazija f'sitwazzjoni fejn it-telfa' ta' l-elezzjoni ta' Gvern Laburista digà qeghdin ihossuha hafna specjalment il-haddiema.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net